MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Numru 9/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Anna Spiteri**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fis-27 ta' Jannar 2010 kontra Anna Spiteri li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Anna Spiteri talli (1) assoċjat ruħha ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegħ jew tittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) jew tippromwovi, tikkostitwixxi, torganiżża jew tiffinanzja din l-assoċjazzjoni; (2) importat, ġiegħlet li tiġi mportata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101); (3) b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina kontra l-liġi, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tagħha;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-4 ta' Frar 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra, sabu lill-imsemmija Anna Spiteri ħatja skond l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza, u għalhekk ddikjaratha hatja talli:-

(1) fis-17 ta' Settembru 2008 u fil-ġimgħat ta' qabel, assoċjat ruħha ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegħ jew tittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew tippromwovi, tikkostitwixxi, torganiżża jew tiffinanzja din l-assoċazzjoni; u dana fir-rigward tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

(2) fis-17 ta' Settembru 2008 u fil-ġimgħat ta' qabel, importat, ġiegħlet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u dan meta' ma kellhiex liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtorizża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

(3) fis-17 ta' Settembru, 2008, u fil-ġimghat ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina meta ma' kinitx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija, u ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kinitx awtoriżżata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollha dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provduta fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tagħha; u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u r-regola 9 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħatja Anna Spiteri għall-piena ta' sbatax-il sena priġunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull żmien li hi għamlet taħt arrest preventiv BISS in konnessjoni ma' dawn ir-reati kif ukoll ikkundannatha thallas multa ta' €37,000 liema multa għandha titħallas fi żmien ħmistax-il jum mil-lum u li jekk tonqos li titħallas din il-multa fiż-żmien preskritt din għandha tinbidel f'sena priġunerija; u li tħallas ukoll is-somma ta' elf, hames mija u tnejn u hamsin Euro u tnax-il ċenteżmu (€1,552.12) import ta' l-ispejjeż peritali, a

tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax il-jum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ priġunerija skont il-ligi. Ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli oħra tal-ħatja; finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b’nota – li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax il-jum – li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma’ xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-analista Godwin Sammut u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta’ dik il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta’ tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta’ dik il-Qorti b’nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-hati. Dan wara li l-ewwel Qorti rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża, semgħet ix-xiehda tas-Supretendent Stephen Gatt, u kkunsidrat is-segwenti:

**“Rat il-verbal ta’ llum stess fejn:**

**“(i) Dr Mifsud għall-ħatja talab li Dr Mark Xuereb, il-psikjatra kuranti tal-ħatja jixhed għar-rigward tal-piena sabiex jagħti aktar informazzjoni dwar il-kura medika tagħha u l-istat mentali anke fiż-żmien meta kien hemm dan l-inċident, u b’hekk peress li ġie informat illi huwa impossibbli għal Dr Xuereb biex jattendi l-Qorti u jkollu l-*file* relattiv. Għalhekk talab differiment sabiex jixhed limitatament Dr Xuereb.**

**(ii) Il-Prosekuzzjoni oġġezzjonat għal tali talba a bażi tal-fatt illi l-kundizzjonijet mediċi tal-ħatja ma ġew sollevati fl-ebda stadju ta’ dan il-ġuri kif ukoll illi ċ-ċertifikat ippreżentat mid-difiża fil-mori tal-ġuri jattesta illi l-ħatja qed tiġi ttrattata għal kundizzjoni medika bil-kura idonea. Għaldaqstant il-Prosekuzzjoni ma kinitx qed tara valur miżjud tax-xiehda illi jista’ jagħti l-Psikjatra għar-rigward tal-kundizzjoni mentali fiż-żmien ta’ meta twettaq ir-reat kif ukoll għall-karattru tal-istess ħatja.**

**(iii) Il-Qorti tat dan id-digriet. Hija kienet semgħet il-verdett filgħaxija fit-tard fil-jum tat-3 ta’ Frar 2011 u ddifferiet il-kawża għal-lum fl-10.00 am sabiex jitla’ Dr Xuereb. Qed tara li huwa impossibbli li Dr Xuereb jagħti d-depożizzjoni tiegħu llum u l-Qorti ma tridx tiddilunga l-proċess aktar milli jmissu. Għalhekk ser tieħu in konsiderazzjoni ċ-**

**ċertifikat li kien ippreżentat mid-difiża stess fil-mori tal-kawża. Qed tqis li l-ħatja għandha kundizzjoni medika delikata u li qed tieħu kura għaliha kif ukoll li d-difiża ssottomettiet illi l-IQ tal-ħatja mhux xi wieħed għoli. Il-Qorti għalhekk ser tibqa' miexja bil-proċeduri waqt li qed tieħu dan kollu in konsiderazzjoni fl-għoti tal-piena.**

**<u>"Sottomissjonijiet mid-difiża.</u>**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud, li jinsabu kollha reġistrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-**

**(a) Li l-ġurati unanimament talbu għall-klemenza fis-sentenza tal-Qorti;**

**(b) Li l-ħatja għandha fedina penali netta;**

**(ċ) Li l-verdett tas-sinjuri ġurati ma kienx wieħed unanimu iżda kienet ta' 7 – 2;**

**(d) Li l-ġurati damu disa' siegħat jiddeliberaw liema ħin jindika li l-każ ħoloq xi problemi;**

**(e) Li l-ħatja m'għandhiex tħallas ta' esperti li tqabbdu matul il-proċeduri iżda li dawn ma ddeponewx.**

**(f) Li l-piena m'għandhiex sempliċiment tintrabat mal-ammont tad-droga. Barra minn, fejn jirrigwarda l-conspiracy, il-ħatja ma kenitx il-Ġeneral fil-ġerarkija jew il-Kaptan jekk wieħed jagħti kont tal-livell tal-intelliġenza tagħha.**

**(g) Li l-artikolu 29 tal-Kap 101 għandu jiġi applikat. Huwa veru li m'hemmx dikjarazzjoni dwar dan mill-Prosekuzzjoni iżda waqt il-ġuri – wara li saru mistoqsijiet speċifiċi – jirriżulta li għenet lill-Pulizija għaliex inqabdu żewġ persuni oħrajn. Hija kienet għamlet stqarrija ġuramentata u eventwalment inbdew proċeduri kontra persuni oħrajn. Għalhekk għandha tibbenefika minn dan l-artikolu b'żewġ gradi.**

**(h) Meta rrispondiet għas-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, id-difiża qalet li l-ħatja kienet semmiet li Nagi kien taha l-baskett. Illi jekk l-artikolu 29 tal-Kap 101 ser nużawh b'mod daqshekk ristrett, allura persuni oħrajn mhux ser ikun lesti li jgħinu lill-Prosekuzzjoni jekk m'huma ser jibbenefikaw xejn. Il-messaġġ ser ikun 'tgħinx lill-Pulizija'.**

**(i) Dwar it-talba għall-klemenza id-difiża għamlet enfasi li t-talba kienet waħda unanima.**

**<u>"Sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni.</u>**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Leonard Caruana:**

**(i) L-ewwelnett il-Prosekuzzjoni qrat l-artikolu 29 tal-Kap 101 fejn hemm espressament miktub li t-tnaqqis fil-piena jsir meta l-ħati jkun għen 'lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu ipprovdewlha l-mediċini.' Il-Prosekutur issottometta li m'hemmx indikat l-isem ta' min issupplixxa lill-ħatja bid-droga. Barra minn hekk il-ħatja inqabdet *red-handed*. Oltre dan, kulma għamlet kien li ppruvat teħles mill-iffukar fuqha billi tgħid 'Dawn it-tnejn ġew għalija' L-ismijiet tan-nies ma rabtithomx mal-*conspiracy*. Huwa ra perikolu fl-użu tal-artikolu 29 għaliex jista' jkun li persuni jfajru l-ismijiet bl-addoċċ.**

**(ii) L-ammont involut kien wieħed konsiderevoli.**

**(iii) Li dan l-ammont kien intiż għas-suq Malti.**

**(iv) Illi d-dewmien tal-ġurati fid-deliberazzjoni ma jfisser xejn.**

**(v) Illi l-vot ta' 7 – 2 huwa wieħed qawwi.**

**(vi) Li dwar il-klemenza, l-artikolu 484 tal-Kap 9 juża l-kelma 'tista' u mhux 'għandha' u għalhekk dil-kwistoni hija f'idejn il-Qorti.**

**(vii) Ma kienx hemm ammissjoni bikrija.**

**(viii) Li l-piena għandha timxi mal-policies stabbiliti dwar il-piena li ngħatat f'ċirkostanzi simili.**

**"Ikkonsidrat**

**"Il-Qorti l-ewwelnett qed tqis is-sottomissjoni tad-difiża dwar l-ispejjeż tal-esperti. Huwa minnu li seta' kien hemm esperti li xehdu matul il-kumpilazzjoni u li ma ttellgħux jixhdu matul il-ġuri għax il-Prosekuzzjoni ħasset li ma kinux ser isaħħu l-każ tagħha iżda l-artikolu 533 tal-Kap 9 ma jagħmel ebda eċċezzjoni għal sitwazzjonijiet bħal dawn. Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' din is-sottomissjoni.**

**"It-tieni sottomissjoni tad-difiża kienet dwar l-applikabilita` tal-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-każ 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Mohamed Mohamed Abusetta' (Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri) 4 ta' Diċembru 2003, il-Qorti qalet hekk:**

**"'Kif jidher ċar mill-artikolu 29 ċitat, it-tnaqqis fil-piena jsir meta l-ħati jkun għen lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċini.' Volume LXXXVII 20023 Part IV paġina 151).**

**"Fil-każ odjern id-difiża rreferiet għaż-żewġ persuni li kienu qed jistennew barra fl-ajruport u li nstabu mill-uffiċjali tad-dwana wara li kienet tat xi dettalji fiżiċi l-ħatja innifisha. B'danakollu dawn ma kinux in-nies li tawha d-droga iżda dawk li kienu ser jieħdu l-bagalja minn għandha. Għalhekk ma jaqgħux taħt din il-parti tal-artikolu 29 tal-Kap 101.**

**"Min-naħa l-oħra fl-istqarrija ġuramentata nsibu dan il-kliem:**

**"'M. Meta ġiet f'idejk il-bagalja?**

**"'T: Meta wasalna l-airport (tat-Tuneżija). L-ewwel kien qed inmexxiha huwa (jiġifier Nagi) imbagħad jiena għaddejtha mill-X-ray.'**

**"Lejn l-aħħar tal-istess stqarrija ġuramentata, il-ħatja intweriet xi ritratti u meta rat id-dokument SG 3 qalet hekk:**

**"'L-ewwelnett ngħid li dak muri fuq ir-ritratt SG3 nafu. Dan huwa fil-fatt Nagi u huwa l-istess persuna li jiena semmejt fl-istqarrija ġuramentata.'**

**"Il-Qorti tifhem li l-artikolu 29 tal-Kap 101 għandu jintuża bil-għaqal u meta tassew iwassal biex tinqabad il-persuna li tkun ipprovdiet id-droga. Il-Qorti tara wkoll il-perikolu li semmiet il-Prosekuzzjoni bl-abbuż li jista' jsir. Min-naħa l-oħra dan l-artikolu għen biex ħafna persuni li kienu qed ixerrdu d-droga nqabdu u ttieħdu proċeduri. Biss din il-Qorti m'għandhiex stqarrija ċar u tond da parti tal-prosekuzzjoni dwar l-applikabilita` ta' dan l-artikolu. Hija l-Prosekuzzjoni li għandha l-kwadru kollu. Il-Qorti, fl-assenza ta' tali stqarrija, għandha biss dak li jirriżulta mill-atti. Għalhekk ma tistax tapplika l-artikolu 29 tal-Kap 101.**

**"Dwar il-kwistjoni tal-IQ, ftit hemm xi tgħid. La l-persuna taf tfendi għal rasha u la liġi ma tipprovdi xejn dwar din it-tip ta' difiża l-Qorti ftit tista' tagħmel iżda dak il-ftit ser tagħmlu wkoll.**

**"L-istess prinċipju japplika għal dik li hija d-*depression*. Il-Qorti trid timxi mal-Liġi kemm fl-analiżi tal-provi u tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi kif ukoll ma' dak li wieħed jista' jissottometti bħala difiża.**

**"Il-Qorti lanqas ma jidhrilha li għandha tikkonsidra li l-ġurati ħadu ż-żmien tagħhom biex jaslu għall-verdett jew x'kien il-grad tal-involviment tal-akkuzata.**

**"Hija u tqis il-piena, il-Qorti qegħda l-ewwelnett tikkonsidra min-naħa l-waħda li l-ħatja għandha fedina penali nadifa, it-talba għall-klemenza li kienet unanima, il-verdett ta' 7 – 2 li la huwa l-minimu u lanqas il-massimu, l-istat ta' saħħa tal-ħatja għalkemm dan b'mod limitat u arġinat;**

**"Min-naħa l-oħra l-Qorti qieset: l-ammont involut u l-ħsara li seta' jagħmel fost il-popolazzjoni Maltija u qabblet ukoll ma' piena li ngħatat f'każi li joqorbu lejn il-każ odjern.**

> **"Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bħala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taħt it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza u għalhekk, għall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Mansour Muftah Nagem' [31.10.2002], 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag' [15.05.2003] u 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Norman Bezzina' [09.10.2010]."**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Anna Spiteri pprezentat fis-17 ta' Frar 2011 fejn talbet li din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-verdett imsemmi tal-ġurati u s-sentenza appellata u tordna li jiġi reġistrat verdett ta' mhux ħati fil-konfront tagħha li għandha tiġi liberata minn kull ħtija u piena. Subordinatament u fi kwalunkwe każ talbet li f'każ li din il-Qorti tiċħad l-appell għal dik li hi ħtija, tirriforma s-sentenza appellata għal dik li hija piena billi tinfliġġi piena fil-limiti tal-liġi u li tirrispekkja ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-verdett milħuq li ma kienx wieħed ta' unanimita`; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li mill-provi proċesswali ma kienx hemm biżżejjed biex il-ġurija setgħet raġonevolment issib ħtija, almenu mingħajr kwalifiki; (2) li fil-kors ta' l-indirizz ingħataw direttivi ta' liġi żbaljati b'mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi li setgħet kellha effett determinanti fuq il-verdett; (3) li fil-kors tal-ġuri saru bosta żbalji u rregolaritajiet proċedurali b'mod li l-appellanti ma kellhiex *"a fair trial"*; (4) li, fi kwalunkwe każ u subordinatament, il-piena nflitta hi eċċessiva. Dawn l-aggravji sejrin jiġu trattati fl-ordni li ġew trattati fir-rikors ta' appell.

**6.** Għalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra fl-ewwel lok <u>it-tielet aggravju</u> fejn l-appellanti tgħid hekk:

> "Illi l-appellanti kienet intavolat rikors fejn talbet li waqt il-ġuri jixhed il-psikjatra tagħha Dr. Mark Xuereb biex jixhed dwar il-kundizzjoni tal-mard mentali li ssofri l-appellanti. Huwa minnu li tali rikors kien ġie ntavolat ftit ġranet qabel il-ġuri u wara l-ħin stipulat biex l-appellanti tiddikjara x-xhieda tagħha, iżda fl-interess tal-ġustizzja kien essenzjali li l-ġurati jisimgħu lil Dr. Xuereb. Il-prosekuzzjoni ma kinitx se tkun preġudikata b'tali xiehda. Ix-xiehda kienet rilevanti għaliex parti mid-difiża kienet li Nagi kien uża lill-appellanti biex iġib id-droga hawn Malta għaliex kien jaf li kellha problema mentali u fuq kollox minħabba l-istat mentali tagħha kienet aktar faċli li tidħaq biha minn persuna oħra li m'għandhiex dan il-mard mentali. B'hekk l-artikolu 440 Tal-Kodiċi Kriminali japplika.

> "Illi l-appellanti tirrileva li kienet qiegħda tiġi assistita minn avukati ta' l-għajnuna legali, u s-sistema tirrikjedi li jkollha avukat wieħed waqt il-kumpilazzjoni, filwaqt għall-ġuri tkun assistita minn avukat differenti, bir-riżultat li m'hemmx kontinwita` ta' l-avukati u l-avukat li se jagħmel il-ġuri jrid l-ewwel jiffamiljarizża mal-każ aktar tard fil-proċeduri. Barra minn hekk, teknikament f'dawn il-proċeduri l-avukat sottofirmat lanqas ma kien ġie nominat mill-Qorti. Iżda sar jaf bil-ġuri għaliex kien ġie avviċinat mill-appellanti stess u dan a tenur ta' l-artikolu 570 tal-Kodiċi Kriminali."

**7.** Inoltre fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2013 quddiem din il-Qorti, fil-kors tat-trattazzjoni orali tiegħu, l-Avukat Dottor Joseph Brincat talab a tenur ta' l-artikoli 506(b) u 507 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li din il-Qorti tisma' lil Dr. Mark Xuereb u lil Dr. Maria Axiaq li llum ħadet l-inkarigu tat-trattament ta' l-appellanti.

**8.** Issa, mill-atti jirriżulta li l-Att ta' Akkuża ġiet notifikata lill-appellanti fit-12 ta' Frar 2010. Skont l-artikolu 438(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellanti kellha ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data ta' dik in-notifika sabiex, permezz ta' nota ppreżentata fir-reġistru tal-qorti – (i) tagħti avviż dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449 u kull eċċezzjoni dwar l-ammissibbilità tal-provi li jkollha l-ħsieb li tagħti, u (ii) tindika x-xhieda u tipproduċi d-dokumenti u oġġetti oħra li jkollha l-ħsieb li tuża fil-kawża. Fis-17 ta' Frar 2010 (mela, ħamest ijiem biss wara) l-Avukat Dottor Malcolm Mifsud, bħala Assistent Avukat għall-Għajnuna Legali, ippreżenta nota li fiha l-appellanti ndikat biss il-lista tax-xhieda tal-prosekuzzjoni bħala xhieda tad-difiża, u ma tat avviż ta' ebda eċċezzjoni preliminari. Għalkemm l-Avukat Malcolm Mifsud ma kienx l-

avukat li kien jippatroċina lill-appellanti fl-Istruttorja, huwa baqa' l-avukat li ppatroċinaha waqt il-ġuri. Difatti, fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti Kriminali fid-9 ta' Diċembru 2010, ġie verbaliżżat hekk: "L-akkużata informat lill-Qorti li Dr Malcolm Mifsud huwa l-avukat difensur tagħha." U li: "Aktar tard deher Dr Malcolm Mifsud għall-akkużata." Dakinhar, il-Qorti Kriminali tat żmien sal-21 ta' Diċembru 2010 sabiex il-partijiet jippreżentaw nota fejn jindikaw jekk il-kawża hix ser tiġi kontestata jew le u ddifferiet il-kawża *sine die*. Sussegwentement il-ġuri ġie appuntat għall-1 ta' Frar 2011 u l-appellanti ġiet notifikata bl-avviż għas-smiegħ fis-6 ta' Jannar 2011. Fit-28 ta' Jannar 2011 (erbat ijiem biss qabel ma kellu jiġi ċelebrat il-ġuri) ġie ppreżentat rikors ta' l-appellanti (mill-Avukat Dottor Krista Calleja Mercieca għal Mifsud & Mifsud Advocates) fejn l-appellanti, wara li ppremettiet illi "ilha żmien twil tirċievi kura psikjatrika Dr Mark Xuereb u din il-kura kienet tingħata fiż-żmien ta' l-akkuża" kif ukoll illi "tixtieq li Dr Xuereb jiġi reġistrat bħala xhud tad-difiża biex jagħti rendikont tal-problemi mediċi li kellha u għandha", talbet lill-Qorti Kriminali sabiex tawtorizża li Dr Mark Xuereb ikun fil-lista tax-xhieda tagħha. Wara li l-Avukat Ġenerali oġġezzjona a bażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 438(2)(ii) , il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba "stante dak li hemm fl-artikolu 438(2) tal-Kap. 9".

**9.** M'hemmx dubju illi xhud illi ma jkunx ġie ndikat fin-nota msemmija fl-artikolu 438(2) jista' jinġieb a bażi ta' dak li jiddisponi l-artikolu 440 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **"(3) Ebda xhud, dokument jew oġġett li ma jkunx ingħata fin-noti jew li ma jkunux ġew ippreżentati kif provdut fl-artikolu 438, ma jista' jinġieb fil-kawża mingħajr permess speċjali tal-qorti.**
>
> **"(4) Dan il-permess jingħata biss meta jinstab li l-prova hija rilevanti, u l-Avukat Ġenerali jew l-akkużat ma jkunx bata ħsara billi l-prova ma tkunx ġiet mogħtija fin-nota fuq imsemmija jew billi l-preżentata ma tkunx saret fiż-żmien speċifikat fl-artikolu 438.**

> **"(5) Iżda, jekk matul il-kawża jinstab li hu meħtieġ jew utili li jinstema' xi xhud, jew li wieħed ikollu taħt għajnejh dokument jew oġġett li ma jkunx ingħata fin-nota minn ebda waħda mill-partijiet, il-qorti tista'** ***ex officio*** **tordna li jissejjaħ ix-xhud u li tittieħed ix-xiehda tiegħu, jew li jinġieb id-dokument jew l-oġġett mhux imsemmi fin-nota."**

**10.** Fir-rikors biex jiġi prodott il-psikjatra Dr Mark Xuereb, pero`, kull ma qalet l-appellanti kien li hija tirċievi kura psikjatrika mingħajr indikazzjoni tan-natura ta' kura li tirċievi u lanqas ta' x'inhuma l-problemi mediċi tagħha, u mingħajr indikazzjoni tar-rilevanza għal xi difiża li xtaqet tressaq. Ma jirriżultax illi riedet iġġib prova dwar xi waħda mill-eċċezzjonijiet kontemplati fil-paragrafi (e) jew (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 449 tal-Kap. 9. Anke waqt id-difiża fil-ġuri saret biss referenza ġenerika li l-appellanti tbati minn mard mentali. U fix-xiehda tagħha waqt il-ġuri kull ma qalet l-appellanti kien li tbati bid-*"depression"* u li moħħha ma jerfa' xejn.

**11.** Lanqas ma jista' jitqies rilevanti l-fatt illi fl-Istruttorja l-appellanti kienet ippatroċinata minn avukat/i differenti. Meta hija ġiet notifikata bl-att ta' akkuża kien hemm biżżejjed żmien biex tiddiskuti l-każ tagħha ma' l-Avukat Malcolm Mifsud u biex l-istess Avukat jeżamina l-atti ta' l-Istruttorja. Inoltre jirriżulta mill-atti ta' l-Istruttorja li hija kienet tkun assistita mill-Avukat Dottor Veronique Dalli u kien biss wara li kienu nġabru l-provi kollha salv relazzjoni addizzjonali ta' l-espert Martin Bajada li l-Avukat Dalli rrinunzjat għall-patroċinju u nħatar l-Avukat Dottor Mark Busuttil bħala avukat ta' l-għajnuna legali. Jiġifieri lanqas ma kien hemm xejn x'iżomm milli l-Avukat il-ġdid tagħha (cioe` l-Avukat Mifsud) – kieku ħass il-ħtieġa – ikollu abbokkament ma' l-Avukat Dalli dwar il-fatti tal-każ u ċ-ċirkostanzi ta' l-appellanti. Il-kontinwita` ta' avukat fil-patroċinju ta' akkużat mhijiex *sine qua non* biex akkużat ikollu l-aħjar difiża possibbli. Wara kollox anke issa f'dan l-istadju ta' l-appell, l-appellanti hi patroċinata minn avukat differenti.

**12.** Konsegwentement it-tielet aggravju huwa respint.

**13.** Permezz tat-tieni aggravju tagħha l-appellanti ssostni li fl-indirizz tiegħu lill-ġurati, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ta indikazzjoni tat-tip ta' pieni li hemm u "pjuttost indika dan meta kien qed jirrakkonta x'pieni ta' priġunerija kien jagħti meta kien Maġistrat." Skont l-appellanti, peress illi kienet ġurisdizzjoni oħra, "il-pieni li ndika kienu pjuttost baxxi u m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' pieni li jingħataw fil-Qorti Kriminali". L-appellanti hi tal-fehma li dan effettwa negattivament fis-sens li l-ġurati "setgħu jirraġunaw li l-konsegwenza tal-verdett jista' ma jkollhiex konsegwenzi serji bħalma kellha, bil-piena ta' priġunerija ta' 17-il sena, li jfisser li l-appellanti se toħroġ mill-ħabs bħala pensjonanata".

**14.** Dan l-aggravju huwa wieħed fieragħ. Kull ma għamel l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien li pprova joħroġ id-distinzjoni bejn ir-reat ta' traffikar u dak ta' pussess "aggravat". L-appellanti fil-fatt lanqas ma kienet akkużata bi traffikar. Fl-indirizz intqal testwalment hekk:

> "Hemm il-kuncett ta' traffikar, il-kuncett ta' dak li nghidulu pussess aggravat. Tghidli mela ghalfejn ser toqghod thawdilna l-borma? Le, ghax inti tghid dik il-persuna ttraffikat. X'jigifieri tittraffika? Ghax tajjeb li tehduha maghkom din u xxerduha min ghandu t-tfal ighid lit-tfal, min ghandu l-hbieb fuq ix-xoghol ighidha lill-hbieb ukoll eh. Ara tittraffika mhux bilfors illi ddahhal kemxa flus taf. Jekk jiena minn hawnhekk indur fuq il-Prosekutur, nghidlu isma' jien ghandi pillola *ecstasy*. Ha hudha u ara kif thossok. Hemmhekk gejt ittraffikajt jien. Tghidli ma dahhaltx flus. Kelli tfajla mieghi, insomma jien biex ikolli tfajla naqra tard il-lum u nghidilha u ejja ha nippruvaw flimkien, wahda jien u wahda int. Dak traffikar ukoll. Dak traffikar ukoll u sa ftit taz-zmien ilu bhala Magistrat jien ridt nibghatek il-habs bilfors. Il-lum ghadu bhala reat dak izda d-differenza hija li dahhlu *proviso* wara li mbotta, imbotta, fit-2006 biex jekk ikun l-ewwel darba dak li jkun ma tibaghtux il-habs, taghtih xi haga ohra. Pero` l-bqija, il-bqija inti ser tinzillek fuq il-kondotta illi ttraffikajt. Tghidli iebsa. Tghidli iebsa. Dik hija l-ligi, issa x'hemm iktar fit-traffikar? Per ezempju jiena qed nizfen go *disco* u jigi wiehed ighidli isma' taf lil xi hadd illi ghandu eroina, kokaina, jew ma nafx x'iktar? Nghidlu, oqghod kwiet, hemm dak tar-rokna qed tarah, hemmhekk faccata, nghidlu mur u inqeda minghand dak. Jekk jiena ninqabad, jekk jiena ninqabad li tajt informazzjoni biss minfejn iggibha d-droga, dak huwa traffikar ukoll u fil-fatt bhala Magistrat nahseb tajt tliet sentenzi fuq hekk u kollha gew ikkonfermati mill-Appell. Fil-fatt l-ahhar wahda l-Onorevoli, il-lum Prim Imhallef Emeritus kien qal isma' din qed tisfuggi lil hafna nies, qed tahrab lil hafna nies ghax ghandu jkun anke l-ohrajn kien ikkonfermahom hu, qal hemm bzonn li nkunu nafu li taghti nformazzjoni minn fejn iggib id-droga dak huwa traffikar

ukoll. Issa s'intendi ghandek li tbiegh, li dik tifhmuni, tajjeb. Imbaghad hemm l-iktar haga li trid tifhem. Jiena tajtek l-eroina u hadt *ten euros*, jew *fifteen euros*, skond kemm ikun il-prezz tas-suq dak iz-zmien. Imma dak huwa traffikar. Oqoghdu attenti ghax it-tielet kap, it-tielet kap hemm mhuwiex it-traffikar. Tghiduli mela dwar x'hiex inhu? Ha naghmlilkom hajjitkom facli kemm jista' jkun. Jiena hawnhekk hawn l-ispettur Pierre Grech, jigi jfittixli fil-but, ighidli oj, oj, hawn x'ghandek? Ghandek qartas tal-eroina…. ighidli isma' jiena ha ntellghek quddiem il-Magistrat, wiehed minnhom u nakkuzak illi ghandek pussess ta' droga. Issa dak huwa pussess semplici. Ghaliex? Sabli qartas wiehed, jiena ghedtlu illi ili niehu xi ftit id-droga, ma nistax nghaddi minghajrha u l-ispetturi li nista' nghidilkom kienu *squad* li jiena hdimt maghhom ghal seba' snin u nofs, ighidli jiena dan ser naghtih pussess semplici. U pussess semplici jkollna nimxu nehhi xi kaz rari meta ma stajniex nikkontrollaw lil dak li jkun li naghtuh perjodu *conditional discharge*, nghinuh imur x'imkien biex ifieq u sebah u dalam. X'inhu li ghandna hawn issa? Hawnhekk huwa pussess li nghidu ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzata …. Esklussiv ifisser mela ghandek ammont ta' droga illi juri illi mhuwiex intiz ghalik biss. Mela jiena jekk l-istess spettur sabni qed nizfen, naqra difficli ghalija, hemm go disco, iffriskjani, gieh dubju u sabli erba', hamsa, sitta, seba' pilloli fuqi, ighidli jiena m'inhix ser inressqek il-Qorti b'pussess semplici taf, imma ser nghidlek illi l-pussess li ghandek ma kienx ghall-uzu tieghek. S'intendi mbaghad jien nghidlu dawk nehodhom, niehu sitta f'lejla, insomma etc. etc. Jiena nhobbhom dawk, ma jaghmluli xejn, nista' niehu kemm, dak huwa d-difiza tieghek, imma hu jmexxili, lili jressaq b'pussess aggravanti, mexxieni b'pussess aggravat. Issa pussess aggravat m'hemmx ghalfejn ikun numru esagerat taf, jigifieri disgrazzjatament jiena qed nitkellmu pilloli *ecstasy* anke bi tnax, tajjeb, anke bi tnax. Jigifieri jressqek b'pussess aggravat, zgur kelli hekk. Dan biex tifhmu illi l-pussess aggravat ma ghandu x'jaqsam xejn mat-traffikar…."

**15.** Għalhekk jidher ċar li fl-ispjegazzjoni li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ta, bl-ebda mod ma seta' jagħti lill-ġurati x'jifhmu illi l-verdett tagħhom jista' ma jkollux konsegwenzi serji, kif lanqas ma għamel referenza għall-pieni li għalihom setgħet tkun soġġetta. Kwindi anke dan l-aggravju huwa miċħud.

**16.** Niġu issa għall-<u>ewwel aggravju</u>. Skont l-appellanti, ma kienx hemm provi sufficjenti biex ġurija raġonevoli tasal għal konklużjoni ta' ħtija mingħajr dubju raġonevoli. Hija tgħid:

"…l-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda prova li l-appellanti kienet konsapevoli li kienet qiegħda ġġorr id-droga. L-unika prova li kien hemm tirrigwarda l-att materjali ta' l-akkużi. L-Avukat Ġenerali pproduċa uffiċjali tad-Dwana u Pulizija li juri bl-aktar mod ċar li

kienet hi li kienet qiegħda ġġorr id-droga fil-bagalja, iżda ma pproduċiex prova waħda li tindika li kienet konsapevoli li kienet qiegħda tagħmel dan. Anzi l-provi ċirkostanzjali ma jindikawx lejn direzzjoni waħda, jiġifieri li kellha l-*mens rea*fil-kummissjoni tar-reat. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni kkonfermaw li *a tempo vergine* qalet mill-ewwel li kien il-ħabib tagħha Nagi li ppakkja l-bagalja u kien qalilha li kien hemm rigali għal ħuh, lli kien se jistenniha fl-ajruport. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni spjegaw lill-ġurati kif hi ndikat li kien hemm żewġt irġiel li kienu qed jistennewha l-ajruport u meta tat deskrizzjoni tagħhom huma ġew arrestati u bdiet l-investigazzjoni fuq dan iċ-ċirku ta' kriminali , li l-pulizija lanqas biss kienu jafu li jeżisti. Barra minn hekk l-uffiċjali tad-dwana xehdu li m'għamlet l-ebda manuvri suspettużi, anzi kkooperat bi sħiħ magħhom u mal-pulizija f'kull stadju ta' l-investigazzjoni.

"Illi l-prosekuzzjoni argumentat li l-verżjoni li tat l-appellanti m'għandhiex titwemmen, mhux għaliex kien hemm verżjoni oħra aktar verosimili, iżda skond hi m'għandhiex titwemmen u hija biss storja. Il-prosekuzzjoni ma spjegatx lill-ġurati kif waslet għal din il-konklużjoni, speċjalment meta kienet l-unika verżjoni li kienet teżisti. Il-prosekuzzjoni ma ppreżentat l-ebda prova li tindika li l-verżjoni li tat l-appellanti hija inverosimili, anzi numru ta' punti setgħu jiġu verifikati u fil-fatt ġew konfermati. L-uniku żbalji li għamlet kienet in-numru ta' drabi li siefret. Hi qalet li kienet marret Tunes ħames darbiet, iżda fil-fatt il-passaport jindika li marret sitt darbiet. Jekk il-prosekuzzjoni ma emmnitx lill-appellanti, ifisser li rnexxielha tipprova li l-appellanti kienet konsapevoli li kienet qiegħda ġġorr 3.5 kili droga. Jekk id-difiża ma laħqitx il-grad ta' probabbli ma jeżonerax il-prosekuzzjoni li tilħaq il-grad ta' 'l hinn minn kull dubju raġonevoli. Oġġettivament il-prosekuzzjoni ma għamlitx dan u hemm dubju raġonevoli favur l-appellanti u bħala riżultat il-ġurati ma setgħux jaslu għal verdett li waslu fejn sabu l-ħtija tat-tliet kapi ta' l-akkuża."

**17.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati, setgħux legalment u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[1] In

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju

eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi <u>kollha</u> miġjuba.

(ii) Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li <u>jaraw u jisimgħu</u> x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija.

(iii) Huwa inkontestat li fis-17 ta' Settembru 2008 l-appellanti waslet Malta fuq titjira mit-Tuneżija u li fil-bagalja tagħha kellha żewġ *lap-top cases* li fihom kien hemm total ta' 3,444.9 grammi eroina ta' purita` ta' madwar 32% tal-valur ta' €158,465.40. Id-difiża ta' l-appellanti kienet illi hija ma kinitx taf illi fil-bagalja kien hemm dik l-eroina.

---

1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

(iv) Għalkemm l-appellanti ċaħdet li kienet taf li fil-bagalja kellha d-droga, huwa evidenti illi l-ġurati ma qisux lill-appellanti kredibbli.

(v) Din il-Qorti tistaqsi, kif ċertament staqsew il-ġurati, kemm tista' titqies verosimili dak li qalet l-appellanti illi meta waslet Malta u ġabret il-bagalja u għaddiet mill-Green Channel marret minn jeddha fuq uffiċjal tad-Dwana sabiex tgħaddi l-bagalja mill-*x-ray machine* biex tara kienx hemm važuni fil-bagalja. Il-bagalja ma kinitx imsakkra. Kienet fil-pussess tagħha l-ajruport ta' Tuneż qabel ma telgħet fuq l-ajruplan, u kull ma kellha tagħmel biex tara x'hemm fil-bagalja kien li taqbad u tiftaħ u tagħti daqqa t'għajn. Anke meta waslet Malta kellha l-opportunita` tagħmel dan ġaladarba kienet qed tħossha tqila. Minflok, skont il-verżjoni tagħha, għażlet illi tavviċina hi lill-uffiċjal tad-Dwana. Skont l-uffiċjal tad-Dwana Victor Sant kien hu li talab lill-appellanti biex tgħaddi l-bagalja minn ġol-*x-ray machine*. Ħadd mill-uffiċjali tad-Dwana ma jsemmi dak li qalet l-appellanti, cioe` li marret minn jeddha. Wara kollox min jgħaddi mill-Green Channel jagħmel hekk għax ikun qiegħed jindika li m'għandu xejn x'jiddikjara. U din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellanti siefret. Difatti mill-passaport jirriżulta illi marret Tuneż sitt darbiet u marret il-Marokk darba, u li l-vjaġġi seħħew kollha fl-2008. Il-vjaġġ għall-Marokk seħħ fi Frar filwaqt illi l-vjaġġi għal Tuneż seħħew bejn Mejju u Settembru. Ma jistax għalhekk jingħad illi l-appellanti ma kinitx taf is-sistemi adoperati fl-ajruporti.

(vi) Lanqas ma jidher li tqieset verosimili l-verżjoni li tat illi ħalliet lil Nagi Al Maraash waħdu biex jippakkjalha l-bagalja u hija marret torqod.

(vii) Ġew innutati wkoll ċerti inkonsistenzi:

- Hekk, per eżempju, lis-Supretendent Stephen Gatt l-ewwel qaltlu li ħasbet li għax il-bagalja kienet tqila kien hemm xi kotba, u l-għada qaltlu važuni.

- Wara li nstabu l-*lap-top cases* fil-bagalja, Victor Sant saqsa lill-appellanti fejn kienet it-*tag*. L-ewwel qaltlu li remietha u meta saqsieha fejn remietha qaltlu le u saqsieha kinitx *hand-luggage* u qaltlu *hand-luggage*.

- Għal xi raġuni l-appellanti nsistiet li marret Tuneż ħames darbiet mentri l-passaport tagħha juri li sitt darbiet.

- Minn banda l-appellanti turi li kienet kuntenta bl-attenzjoni li kien juriha l-imsemmi Nagi al Maraash, li miegħu tgħid li anke kellha relazzjonijiet sesswali, iżda mbagħad tgħid illi beda jiġiha xi dubju u ħaditlu n-numri tal-passaporti (wieħed Tuneżin u wieħed Malti) tiegħu għaliex beżgħet li jħalliha waħedha f'Tunez u jekk isaqsuha ma' min telgħet turi dawk in-numri tal-passaporti. U jekk beda jiġiha dan id-dubju dwar Nagi, allura tħallieh jippakkjalha l-bagalja waħdu u ma tivverifikax x'hemm fiha?

- Jekk kienet *homeless* u bla xogħol, allura l-affarijiet li akkwistalha Nagi – xi lbies u ħwejjeġ ta' taħt – ma kinitx tassigura ruħha li ġġibhom magħha?

- L-appellanti xehdet illi Nagi ppakkjalha l-bagalja, iżda skont l-uffiċjal tad-Dwana Hilary Fenech, hu saqsieha jekk il-bagalja li kienet qed tiġi eżaminata kinitx il-bagalja li ppakkjat hi, u wieġbet fl-affermattiv. Hilary Fenech jgħid ukoll illi reġa' saqsieha jekk ippakkjathiex hi l-bagalja u reġgħet wieġbet fl-affermattiv filwaqt illi qalet illi l-*lap-top cases* ma kinux tagħha u kien tahomlha ċertu wieħed Nagi għal ħuh. Dan jikkontrasta wkoll ma' dak li qalet l-appellanti li Nagi kien taha xi ħwejjeġ tat-tfal għal ħuh.

(viii) Evidentement il-ġurati ma qisux lill-appellanti bhala persuna *naïve* jew *gullible* daqs kemm forsi xtaqet tpinġi lilha nnifisha. Fuq osservazzjoni tad-difiża li kienet kalma meta waslet Malta, dan seta' kien – dejjem jekk għaddiet il-bagalja bħala *hand-luggage* – għax il-bagalja kienet diġa` ġiet *scanned*

f'Tuneż mingħajr ma twaqqfet. Fil-fatt hi stess qalet illi kienet diġa` għaddietha minn ta' Tuneż.

(ix) Minn dan kollu huwa evidenti li l-gurati setghu ma jemmnux iċ-ċaħda ta' l-appellanti u ghalhekk setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu illi l-appellanti kienet taf x'kellha fil-bagalja u li konsegwentement kienet ħatja ta' l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

**18.** Konsegwentement l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**19.** L-aħħar aggravju jirrigwarda l-piena. Fl-ewwel lok l-appellanti tilmenta li hija ġiet ordnata tħallas l-ispejjeż ta' rapporti ta' l-esperti kollha, inkluż ta' l-espert Martin Bajada li ppreżenta tliet rapporti dwar eżami ta' *mobiles* li ma ntużawx fil-ġuri u ma kinux ta' rilevanza.

**20.** L-espert Martin Bajada kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Antonio Mizzi fis-17 ta' Settembru 2008 sabiex joħroġ il-kontenut ta' erba' *mobile phones* u *sim card* (wieħed mill-*mobiles* u *sim card* kienu ta' l-appellanti, tnejn kienu ta' ċertu Issam Zbeda, u ieħor ta' ċertu Mohamed Ahmed). Huwa ppreżenta r-rapport tiegħu fl-Istruttorja fit-2 ta' Ottubru 2008. Fid-9 ta' Ottubru 2008 huwa nħatar sabiex janalizża żewġ *mobile phones* oħra (ta' Charmaine Scerri u ta' Marvic Al Maraash). It-tieni rapport ġie ppreżentat fl-14 ta' Novembru 2008. Għalkemm Martin Bajada ġie ndikat fil-lista tax-xhieda ta' l-Avukat Ġenerali, u saħansitra tħarrek biex jixhed, huwa ma ssejjaħx sabiex jixhed waqt il-ġuri. Bħalma qalet l-ewwel Qorti, l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ma jagħmilx eċċezzjonijiet għal sitwazzjoni bħal din. Din il-Qorti, pero`, eżaminat dawn ir-rapporti u sabet illi r-rapport li kien jirrigwarda l-*mobiles* ta' Charmaine Scerri u Marvic Al Maraash ma setax jincidi fuq il-htija tal-appellanti. L-ispejjeż peritali l-oħra kollha, pero`, li l-appellanti ġiet ikkundannata tħallas ġew kollha inkorsi regolarment u kollha kienu potenzjalment jistgħu jinċidu fuq il-ħtija ta' l-istess appellanti. Għalhekk mis-

somma totali ta' l-ispejjeż peritali se jitnaqqas l-ammont ta' €299.30 dwar it-tieni rapport.

**21.** L-appellanti tissottometti wkoll illi hija kellha tibbenefika minn riduzzjoni fil-piena a tenur ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta stante li kien ampjament pruvat li hija ndikat erba' persuni li kienu nvoluti fit-traffikar tad-droga u bis-saħħa t'hekk il-Pulizija ressqet lil dawn il-persuni. L-appellanti tissottometti:

> "Fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti qalet li l-appellanti ma għenitx biex 'il-persuna li jkun pprovdewlha d-droga' tkun arrestata. Fil-fatt dan huwa fattwalment żbaljat għaliex kien hi li ndikat li l-persuna bl-isem ta' Nagi kien ippakkja l-bagalja li fiha nstab id-droga. L-istqarrija ġiet ikkonfermata bil-ġurament u b'hekk tista' tintuża fil-proċeduri kontra din il-persuna. Fil-fatt din il-persuna qiegħda tiffaċċja proċeduri kriminali. Ġie kkonfermat li l-pulizija ma kellha l-ebda informazzjoni indipendenti fuq Nagi u l-persuni l-oħra li qed jiffaċċjaw akkużi ta' traffikar ta' droga. Barra minn hekk hemm numru ta' każijiet fejn il-prosekuzzjoni tagħmel dikjarazzjoni li akkużat jistħoqqlu li jibbenefika minn artikolu 29 għaliex għen il-pulizija u din l-għajnuna tkun li assistiet il-pulizija b'suċċess *controlled delivery*. F'dawn il-każijiet ikunu għenu l-pulizija sabiex tarresta lill-persuni li jkunu qed jirċievu d-droga u mhux li jipprovdulhom id-droga.

> "Illi di piu` dan ir-rekwiżit huwa limitat għad-dikarazzjoni li tagħmel il-prosekuzzjoni mhux għal valutazzjoni li tista' tagħmel il-Qorti. Artikolu 29 hija maqsuma fi tenjn. L-ewwel parti tirrigwwarda dikjarazzjoni li tista' tagħmel ilpprosekuzzjoni li l-ħatja għenet il-pulizija biex jiġu arrestati dawk il-persuni li pprovdewlha d-droga. It-tieni parti ta' l-istess artikolu huwa li minkejja li ma jkun hemm id-dikjarazzjoni mill-prosekuzzjoni, xorta dan l-artikolu jista' jiġi applikat jekk il-Qorti tkun sodisasfatta li l-ħatja għenet il-pulzija. Hawnhekk m'hemmx kwalifika tat-tip ta' għajnuna. B'hekk jekk il-persuna tkun għenet il-pulizija biex jittieħdu proċeduri kriminali kontra persuna involuta fid-droga, xorta l-Qorti tista' tapplika l-artikolu 29. Permezz ta' din is-sentenza l-Qorti ma tat l-ebda inizjattiva lil dawk il-persuni sabiex jgħinu l-pulizija sabiex jaqbdu t-traffikanti ta' droga f'Malta u ma jkunux is-suppliers inizjali.

> "Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-appellanti tirrileva li l-ewwel Qorti ma applikatx il-klemenza li l-ġurati unanimament talbu lill-Qorti tuża fis-sentenza. Fil-fatt skond il-parametri li użat l-istess Qorti fis-sentenzi li kkwotata jidher ċar li ma ntużatx il-klemenza u l-piena hija eżatta bħal ma kinitx, kieku ma ntalbitx il-klemenza. Fil-fatt l-ewwel Qorti

kkwotat is-sentenza ta' Repubblika ta' Malta v Hasan Omar Farag Ibrahim, li importa 1,163.90 grammi ta' eroina bil-purita` ta' 48% u ngħata sentenza ta' ghaxar snin priġunerija u Lm17,000 multa. Filwaqt li skond is-sentenza ta' Ir-Repubblika ta' Malta v. Norman Bezzina ngħata sentenza ta' 18-il sena priġunerija u €40,000 multa fuq importazzjoni ta' kokaina. Minkejja li l-appellanti tqis li fil-każijiet ta' droga is-sentenza m'għandhomx arti, iżda jiġu kalkolati biss fuq il-kwantita` ta' droga li tinqabad, irrispettivament mill-involviment tal-ħati, xorta din hi piena mhix ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

"Fi kwalunkwe każ … il-piena nflitta fuqha, speċjalment tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, anki ta' provi, speċjalment meta paragonata ma' dik inflitta mill-istess qorti u qrati oħra f'kazijiet ohra kienet ħarxa zejjed."

**22.** Issa, l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi testwalment:

**"Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs."**

Huwa ovvju li hawnhekk il-liġi qed tipprospetta żewġ possibilitajiet: l-ewwel waħda meta l-prosekuzzjoni stess tiddikjara fil-proċess illi dik il-persuna li tkun qed titlob l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tkun għenet lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, u t-tieni każ, fl-assenza ta' tali dikjarazzjoni, l-istess persuna misjuba ħatja, tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-pulizija. F'każ il-wieħed jew l-ieħor, l-artikolu 29 jipprovdi għat-tnaqqis tal-piena billi fir-rigward ta' priġunerija din titnaqqas bi grad wieħed jew tnejn, u fir-rigward ta' piena pekunjarja b'terz jew b'nofs.

**23.** Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sandro Mifsud** tat-2 ta' Awissu 1999, din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha qalet hekk fir-rigward ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101:

> **"Kif din il-Qorti diġa` kellha l-opportunita` li tfisser f'sentenzi oħra, biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta' grad jew tnejn fil-piena ta' priġunerija (u riduzzjoni ta' terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux biżżejjed li dak li jkun isemmi l-persuna mingħand min ikun xtara d-droga; irid jirriżulta li b'dik l-informazzjoni l-akkużat ikun effettivament għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Jekk minkejja dik l-għajnuna, il-pulizija ma jkollhiex provi biżżejjed biex tressaq lill-persuna indikata l-qorti, jew jekk dik il-persuna indikata tkun diġa` nqabdet mill-pulizija qabel ma tissemma' mill-akkużat, ma jkunx jista' jingħad li l-akkużat ikun għen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Altrimenti faċilment jiġri li, biex persuna tnaqqas mill-piena tagħha, tibda ssemmi ismijiet ta' nies li jistgħu jkunu innoċenti, jew l-ismijiet ta' nies li tkun taf li diġa` nqabdu in konnessjoni mal-bejgħ ta' droga lilha."**[2]

**24.** Fil-każ in eżami l-prosekuzzjoni ma għamlet l-ebda dikjarazzjoni illi l-appellanti kienet **"għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina"**. Ciononostante jirriżulta li l-persuna ndikata mill-appellanti bħala dik li kienet responsabbli biex tipprovdilha d-droga, Nagi Al Maraash, inqabdet mill-Pulizija u ttieħdu proċeduri kontra tiegħu. Dan jirriżulta kemm mix-xiehda tas-Supretendent Stephen Gatt [3] kif ukoll mix-xiehda ta' l-Ispettur Pierre Grech.[4] Inoltre matul il-ġuri huwa ġie prodott bħala xhud u għażel biex ma jixhidx "peress li l-każ għadu għaddej".[5] Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk l-artikolu 29 tal-Kap. 101 għandu jiġi applikat a benefiċċju ta' l-appellanti. Ma jistax ma jiġix innotat ukoll illi l-appellanti anke ndikat il-persuna li lilha kellha tgħaddi l-bagalja, Mohammed Ahmed Al Maraash li jiġi ħu Nagi Al Maraash. Fil-fatt ittieħdu proċeduri wkoll kontra dan Mohammed Ahmed Al Maraash kif ukoll kontra Issam Zbeda li kien qiegħed l-ajruport

---

[2] Ara wkoll Appelli Kriminali: **The Republic of Malta v. Kamil Kurucu**, 14 ta' Ġunju 2007; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antoine** Debattista, 19 ta' Jannar 2006; **Il-Pulizija v. Dennis Cuschieri**, 7 ta' Jannar 1999; **Il-Pulizija v. Philippa sive Filippa Chircop**, 2 ta' Marzu 2007.
[3] Fol. 33 tat-traskrizzjoni tax-xiehda li ta matul il-ġuri.
[4] Fol. 3 tat-traskrizzjoni tax-xiehda li ta waqt il-ġuri.
[5] Fol. 2 tat-traskrizzjoni tax-xiehda li ta waqt il-ġuri.

miegħu.[6] Ikkunsidrati l-fattispeċje kollha tal-każ, din il-Qorti sejra tnaqqas il-piena bi grad.

**25.** Kwantu għat-talba unanima tal-ġurati sabiex il-Qorti turi klemenza lill-appellanti, jidher illi l-ewwel Qorti effettivament ħadet din it-talba in konsiderazzjoni. Difatti, meta kienet qed telenka l-fatturi li setgħu jwasslu għal mitigazzjoni tal-piena, hija semmiet, fost oħrajn, **"it-talba għall-klemenza li kienet unanima"**.

**26.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmija Anna Spiteri għal priġunerija għal perijodu ta' sbatax-il sena u għall-ħlas ta' multa ta' €37,000 liema multa għandha titħallas fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata u li jekk tonqos li titħallas din il-multa fiż-żmien preskritt din għandha tinbidel f'sena priġunerija, u tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatha għall-ħlas tas-somma ta' elf, hames mija u tnejn u hamsin Euro u tnax-il ċenteżmu (€1,552.12) import ta' l-ispejjeż peritali, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u minflok tikundannaha għal priġunerija għal perijodu ta' tnax-il sena u għall-ħlas ta' multa ta' €23,000 liema multa għandha titħallas fi żmien ħmistax-il jum millum u li jekk tonqos li titħallas din il-multa fiż-żmien preskritt din għandha tinbidel f'sena priġunerija, kif ukoll tikkundannaha għall-ħlas tas-somma ta' elf mitejn u tnejn u ħamsin euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€1,252.82), u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan illi, in vista tan-nota ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-Qorti Kriminali fil-15 ta' Frar 2011, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu preservati u ma jiġux distrutti f'dan l-istadju.

## < Sentenza Finali >

[6] Ara xiehda tas-Supretendent Stephen Gatt fol. 33.

---------------------------------TMIEM---------------------------------